KUNSILL LOKALI | LOCAL COUNCIL

RABAT
*Citta' Victoria*

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Rabat, Citta' Victoria**

**IT-TMIEN LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru KLR31/VIII/2022**

**L-Erbgħa, 23 ta' Frar, 2022.**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill, nhar il-Erbgħa 23 ta' Frar, 2022 fil-5:00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**
Is-Sur Josef Schembri – Sindku
Is-Sur Brian Azzopardi – Viċi Sindku
Is-Sur Michel Butigieg - Kunsillier
Is-Sur Marcel Tabone – Kunsillier
Is-Sur Charlie Hili – Kunsillier
Is-Sinjorina Maria Portelli - Kunsillier

**Skużati:-**
Is-Sur Joseph Debrincat - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI
Is-Sinjura Miriam Attard – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Josef Schembri ppresjeda l-laqgħa.

**31.1 Talba**

Il-laqgħa bdiet fil-5:00 p.m. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**31.2 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Inqrat l-ittri t'apoloġija tal-membru Joseph Debrincat.

**31.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

31.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 30 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

31.3.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjoni li seta' kien hemm mill-minuti.

31.3.3 Ma kienx hemm korrezjonijiet.

**31.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku għarraf lill-membri li:-

31.4.1 ġie ffirmat il-kuntratt il-ġdid tas-servizz ta' tindif tal-latrini ta' Jason Farrugia li ser jibda mill-1 ta' Marzu, 2022;

31.4.2 la l-Green MT u lanqas il-Green Pak ma ssottomettew l-espressjoni ta' nteress fir-rigward tal-ġbir tal-iskart riċiklat. Din kienet tagħlaq nhar it-18 ta' Frar, 2022. Il-membri qablu li din terġa tintalab;

31.4.3 ġiet sottomessa applikazzjoni għall-installazjoni ta' *outdoor fixed percussion exhibits*. Dawn qed jiġu offruti b'xejn mill-Ministeru għall-Ugwaljanza, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni. Jekk l-applikazzjoni tiġi aċċettata dawn l-installazzjonijiet jitpoġġew fil-*playing field* ta' Triq taħt Putirjal;

31.4.4 nżabbru s-siġar taż-żebbuġ ta' fuq iz-zuntier tal-knisja tal-Kapuċċini;

31.4.5 nħarġet sejħa nterna għall-*full time Assistant Principal* fuq Skala 11 kif il-Kunsill qabel fl-aħħar laqgħa. Intefgħet appikazzjoni waħda ta' Georgine Farrugia. Saritilha l-intervista u tressaq ir-rapport tal-Bord. Dan ġie approvat mill-Kunsill u skont l-Avviż Legali 127/98 – Regolamenti dwar Riżorsi Umani Artiklu 14, skont Memo 46/98 u skont il-Ftehim Kollettiv għall-Ħaddiema Klerikali ġewwa l-Kunsilli Lokali u Kumitati Reġjonali, Farrugia ġiet promossa għal skala 11. Waqt li kienet qed tiġi diskussa din il-materja, l-membru Tabone ħareġ mill-kamra minħabba kunflitt ta' nteress;

31.4.6 fl-24 ta' Jannar, 2022, saret laqgħa ma rappreżentanti mid-Diviżjoni għal Gvern Lokali rigward *5 year Recovery Plan* li l-Kunsill għandu jaddotta sabiex is-sitwazzjoni finanzjarja dejjem titjieb. Minn naħa tal-Kunsill kien hemm preżenti hu bħal Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill u John Buttigieg l-*Accountant*. Fost il-pariri li ngħataw kien hemm li ssir *bye-law* sabiex il-Kunsill ikollu *street furniture* li magħha jkunu jistgħu isiru reklami minn kumpaniji privati. Hekk ikun jista' jiġi ġġenerat dħul. Il-membri qablu li l-Kunsill iħejji abbozz ta' din il-*bye-law*.

**31.5 Mistoqsijiet mill-Kunsillieri**

31.1.5 Tressqet ittra tal-Avukat tal-Kunsill fejn għarrfet lill-membri li fis-27 ta' Jannar 2022 inqatgħet waħda mil-kawżi tal-monti. Inqatgħet il-kawża li tikkontesta d-deċiżjoni li biha ġie determinat li l-posizzjoni tal-monti tinbidel. Il-Qorti ċaħdet l-eċċezjoni tal-Kunsill fejn intqal li l-kwistjoni riedet titqajjem fi żmien sitt xhur mill-għotja tad-deċiżjoni għax ingħad li t-terminu jibda jgħodd minn dakinhar li l-persuni saru jafu biha. L-Avukat ma qablitx ma din id-deċiżjoni peress li l-bejjiegħa tal-monti setgħu saru jafu ladarba l-minuti kienu pubbliċi. Skont l-Avukat kien għalhekk li l-Qorti ma ddeċidietx li tannulla d-deċiżjoni mogħtija mill-Kunsill għax bagħtitha lill-Qorti Kostituzzjonali biex tiddeċiedi dwar dan. L-Avukat staqsiet lill-Kusill jekk jixtieqx jappella dwar dan. Dment li l-parir tal-Avukat hu li jsir l-appell, il-membri qablu li l-Kunsill għandu jappella minn din id-deċiżjoni.

**31.6 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

31.6.1 id-Diviżjoni għal Gvern Lokali rigward SPI.SCI.1.2022 – Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-*playing fields* fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex. Il-membri qablu li kif diġa maqbul, tiġi sottomessa proposta ta' *skate park* fil-parti tal-*playing field* fejn hemm il-*bike track;*

31.6.2 id-Diviżjoni għal Gvern Lokali rigward SPI.SCI.2.2022 – *Community Inclusive Employment Scheme* 2022. Il-Kunsill diġa għandu ħaddiema li tibbenefika minn din l-iskema;

31.6.3 il-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq – Għawdex, fejn qed jintalab li l-Kunsill japplika uffiċċjalment sabiex it-triq paralella mal-Wied ta' Żejta tissemma Triq il-Wied ta' Żejta. Dan ġie rrimarkat mill-Awtorita' tal-Ippjanar peress li t-triq mhix imsemmija uffiċċjalment. Il-membri qablu;

31.6.4 William Sultana li ġie mpjegat mar-Reġjun Għawdex bħala *Project Management Officer*. Dan għarraf lill-Kunsill bis-servizzi li Reġjun Għawdex qed joffri permezz tiegħu u li l-Kunsill jista' juża b'xejn;

31.6.5 l-ERA rigward in-nuqqas ta' *re-cylcing points* fir-Rabat. Il-Kunsill kien spjega għalfejn m'għandux iżjed *re-cycling points*, pero' l-Avukat ta-Kunsill spjegat li jekk il-Kunsill ma jirrimedjax allura tapplika multa amministrattiva ta' €100 u multa ulterjuri għal kull jum ta' nuqqas. Il-membri qablu li tiżdied *re-cycling point* fi Triq Salvu Psaila taħt il-*bus terminus*;

31.6.6 mingħand ARMS fejn qed tgħid li l-Kunsill għandu kont mhux imħallas ta' €6,853.73 fuq *metre* tad-dawl li kien applika għalih fl-2010. Dan biex jinxtgħelu żewġ *floodlights*. Il-Kunsill qatt ma rċieva l-kontijiet peress li xhin mistoqsija, l-ARMS qalet li dawn kienet tibgħathom fuq l-indirizz indikat fl-applikazzjoni u dan jgħid hekk:- Kunsill Lokali Rabat Għawdex, *Playing Field* Salvatore Psaila. Il-membri qablu li l-Kunsill ma jħallasx qabel l-ARMS tindika fejn hu l-*metre* u dan jinqara;

31.6.7 Garrett Vella fejn talab *no objection* biex ikun jista' juża l-permess li għandu mit-*Trade Licensing Unit* ta' *street hawker for food beverages and tabacco*. Hu qed jitlob li jarma fi Triq Repubblika quddiem is-*6th Form*. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni dment li jimxi mar-regolamenti tal-permessi li għandu maħruġa mill-entitajiet konċernati, il-vettura ma tkunx t'ostaklu għat-traffiku, għall-pedonali u għall-bankina, il-vettura ma titħalliex fuq il-post matul il-lejl, dan il-post jintuża fil-*weekends* biss, titħalla l-indafa u din in-*no objection* tista tiġi revokata mill-Kunsill meta jidhirlu;

31.6.8 Joseph Buhagiar li bagħat ritratt u rapport tal-Pulizija fejn qed jitlob kumpens ta' €120 għall-ħsara li ġarrab f'*tyre* tal-karozza tiegħu peress li faqgħu f'toqba fit-Telgħa ta' Majru. Il-Kunsill ħa l-parir tal-Avukat u qabel li dawn għandhom jiġu kumpensati;

31.6.9 M'Angela Grech fejn qed tgħid li meta tagħmel ix-xita qawwija qed jidħol l-ilma fil-garaxx tagħha ta' 'St.Anthony's Court, Triq San Ġuże' Labre'. Il-membri qablu li l-Perit jara jekk il-problema hix minn naħħa tat-triq;

31.6.10 Ian u Penny Foster li joqgħodu fi Sqaq numru 1 fi Triq Librerija. Dawn kienu kitbu sabiex titranġa arkata f'dan l-isqaq u li qed jgħidu li din hi pubblika. Mir-ritratti li ntbagħtu ma jidhirx li din l-arkata hi pubblika. Foster reġgħu sostnew li din hi pubblika u bgħatu kopja ta' kuntratt ta' bejgħ tal-post ta' fejn hemm din l-arkata. Il-Kunsill talab lill-Perit jivverifika u dan qal li wara li ra x'hemm il-*Land Registry*, l-isqaq hu rreġistrat mill-Gvern sa' l-ewwel ħnejja biss. Jiġifieri fejn hemm il-pavimentar bil-*patterned concrete*. M'hemm xejn x'juri li l-ħnejja u l-isqaq mill-ħnejja l-ġew huma pubbliċi/tal-Gvern. Foster għandhom jiġu nfurmati b'dan.

***31.7 'New Energy efficient lighting system for St George's Square and the old streets within the City Centre in Victoria, Gozo'. LCF/16/2020 – update***

Is-Sindku għarraf lill-membri li l-fanali l-ġodda ser jibdew jitpoġġew fil-post għall-aħħar ta' Frar jew fil-bidu ta' Marzu.

**31.8 Restawr tal-istatwi taz-zuntier tal-Kunvent ta' Santu Wistin u San Ġorġ tal-Ħaġar – *update***

31.8.1 Fl-aħħar laqgħa ġie maqbul li l-Kunsill jissottometti applikazzjoni sabiex jinġab permess biex dan ir-restawr issir permezz ta' *direct order*. Fuq parir tal-Perit Edward Scerri, persuna li hi kapaċi tagħmel dan ix-xogħol hu Rudolph Cauchi. Il-membri qablu li tintalab stima mingħand Cauchi sabiex eventwalment issir it-talba għad-*direct order*.

31.8.2 Id-Direttur Eko-Għawdex, Joseph Cutajar, bagħat korrispondenza fejn ġie maqbul li tiġi estiża d-data tal-egħluq tal-proġetti tar-restawr ta' dawn l-istatwi. Din l-estensjoni saret sat-30 ta' Ġunju, 2022.

**31.9 Għeluq tas-sena Finanzjarja - 2021**

31.9.1 Ġie mistieden l-*Accountant* John Buttigieg jidħol fil-kamra sabiex jispjega r-rapport finanzjarju għas-sean 2021. Dan hu anness f'dokument A. Il-Kunsill approva dan id-dokument sabiex jintbagħat lill-Awditur Ġenerali.

31.9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni fir-rigward ta' punt numru 20 iii, f'paġna 19 li juru l-ammont mhux rikonoxxut mill-Kunsill fir-rigward tal-istatements li Gatt Tarmac Ltd, bagħat wara li kien konkluż il-proġett tal-ERDF mill-Kunsill preċedenti. Dan tniżżel bħala *Contingent Liabilities*. Il-membri qablu li dan hu każ magħluq peress li l-Kunsill diġa' kien qagħad fuq il-parir tal-esperti fosthom tal-Avukat u l-Perit.

**31.10 Immaniġjar tat-Traffiku**

Transport Malta (TM) ħarġet il-permess għal:-

31.10.1 *traffic mirror* faċċata ta' 'Dar Ommi', 67, Triq Pompei,

31.10.2 *one meter double yellow line* fuq iż-żewġ naħħat tal-garaxx ta' 'St. Franics Court', taċ-Ċawla;

31.10.3 *one meter double yellow line* fuq iż-żewġ naħħat tal-garaxx ta' 'Daisy', 72, Triq Santa Dminka.

Il-membri qablu li jintalab il-permess ta' TM sabiex:-

31.10.4 quddiem id-dar 27, Triq Sir Mikelanġ Refalo, jsiru *bollards* minħabba l-fatt li l-vetturi qed jipparkjaw eżatt mal-bieb ta' din id-dar;

31.10.5 fit-toroq Karlu Galea, Universitas, Tal-Far, Kunsill Ċiviku, Viani, Muniċipju Ruman, Pjazza J. F. Kennedy, San Ġużepp Labre', 8 ta' Diċembru, Sant' Ursola, Dun Pawl Micallef u San Ġwann Bosco, il-parkeġġ tal-vetturi bejn it-08:00 u s-13:00 isir biss għall- 15 'il minuta. Dan ħlief għar-residenti tat-toroq in kwistjoni.

31.10.6 issir *pedestrian crossing* fi Triq Pompei n-naħħa ta' Triq Għajn Qatet. Dan wara li l-Kunsill ikollu pjanta tal-Perit li turi dan.

Il-membri qablu li jiġi suġġerit lill-TM sabiex:-

31.10.7 issir *pedestrian crossing* fil-bidu ta' Triq Sant' Ursola li hija arterja prinċpali.

31.10.8 issir *traffic mirror* fi Triq it-Tabib Anton Tabone qrib id-dar 56, faċċata tal-garaxxijiet.

**31.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar ta' Frar 2022 skond dokument B anness.

**31.12 Xogħlijiet oħra**

Il-membri qablu li:-

31.12.1 tinxtara *nappy changer* ġdida għall-latrina tan-nisa ta' Pjazza Indipendenza;

31.12.2 l-ikla li kellha sir f'Diċembru ssir il-Ġimgħa, 25 ta' Frar, 2022;

31.12.3 l-artist John Grima jista' juża l-forma tal-funtana li kienet proposta li ssir fi Pjazza San Ġorġ lill-Kunsill preċedenti. Din qatt ma saret minħabba raġunijiet varji. Fil-kotba tal-Kunsill din m'għadx baqalha valur (*netbook value* hu €0);

31.12.4 il-Kunsill jgħin fil-loġistika sabiex jiġi organizzat il-musical 'Sister Act' fit-Teatru Astra. M'għandiex tinqabeż is-somma ta' €500;

31.12.5 il-Kunsill jgħin fil-loġistika sabiex jiġi organizzat il-'Festival Gaulitana.' M'għandiex tinqabeż is-somma ta' €800;

31.12.6 tiġi approvata l-istima ta' Galea Curmi Eng Consultants Ltd. sabiex issir bozza ġdida fuq arblu fi Triq Franceso Masini, kantuniera ma' Triq Mro. Dirjano Lanzon. L-istima hi ta' €2,214.04;

**30.14 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-19.30hrs u kien hemm qbil unanimu bejn il-membri li d-data tal-laqgħa tiġi miftehma aktar 'il quddiem.

Konfermati, illum, it-Tlieta, 31 ta' Mejju, 2022.

Josef Schembri
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv